**GWIDA RIGWARD IT-TRASPORT U L-IMPORTAZZJONI F'MALTA TA' GĦASAFAR SELVAĠĠI ĦAJJIN JEW MEJTIN U PARTIJIET TAGĦHOM LI JINTAGĦRFU**

Jannar 2026

## Sfond

Permezz ta' din in-nota gwida, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) tixtieq tavża lil kull min hu ikkonċernat bl-aġġornament tar-rekwiżiti legali u tal-proċedura applikabbli fil-każ ta' trasport jew importazzjoni lejn Malta ta' għasafar selvaġġi mejtin u partijiet tagħhom li jintagħrfu, jew għasafar ħajjin għat-trobbija. Dan l-aġġornament huwa maħruġ skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42)[1].

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tirriserva d-dritt li tibdel din il-proċedura skont it-tibdil legali u amministrattiv li jista' jsir minn żmien għal żmien. Kull min hu interessat li jġib tali għasafar f'Malta huwa avżat biex ikun ċert li qiegħed jaqra l-iktar kopja riċenti ta' dan id-dokument li jista' jinkiseb mis-sit elettroniku tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

https://wbru.gov.mt/rizorsi/informazzjoni/

## Applikazzjoni ta' din in-nota gwida

Din in-nota gwida tapplika fil-każ ta' trasport lejn Malta minn kwalunkwe pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea u l-importazzjoni għal Malta minn kull pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika ta' Kummerċ Ħieles Ewropea ta' kwalunkwe għasfur li jinstab b'mod naturali fis-selvaġġ fit-territorju tal-Unjoni Ewropea (referiti bħala 'għasafar') u kwalunkwe għasafar li ma jinstabux b'mod naturali fis-selvaġġ fit-territorju tal-Unjoni Ewropea imma li jistgħu jinstabu fis-selvaġġ f'pajjiżi li m'humiex membri tal-Unjoni Ewropea (referiti bħala 'għasafar mhux tat-Territorju Ewropew').

Rekwiżiti differenti, kif spjegat iktar 'il quddiem, japplikaw skont jekk l-għasfur jew għasfur mhux tat-Territorju Ewropew ikunx qiegħed jiddaħħal f'Malta minn pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea jew inkella minn pajjiż ieħor.

Kull persuna li qiegħda tippjana ġita ta' kaċċa barra minn Malta jew tixtieq iġġib xi għasafar ħajjin jew mejtin għandha tirreferi għal din in-nota gwida qabel tippjana li ssiefer u hija mħeġġa li ċċempel lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'każ ta' diffikultà jew bżonn ta' kjarifika.

Wieħed għandu **DEJJEM** jikkonsulta mal-awtoritajiet responsabbli mill-protezzjoni u l-kaċċa tal-ispeċi tal-pajjiż fejn tkun ser issir il-kaċċa sabiex:

a) jikkonferma l-lista tal-ispeċi ta'għasafar kaċċabli fil-pajjiż / territorju / post fejn ser issir il-kaċċa;
b) jinforma ruħu dwar l-istaġuni meta tali speċi jistgħu jiġu maqbuda;
c) jottjeni il-liċenzji, l-permessi, u d-dokumenti uffiċjali kollha neċessarja sabiex jikkaċċja u eventwalment jittrasporta / jesporta u jżomm fil-pussess tiegħu l-għasafar maqbuda.

Kull persuna li tmur kontra dawn ir-regolamenti li jirrigwardaw trasport, importazzjoni u pussess ta' għasafar protett hija suġġetta għall-piena skont Regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42).

[1] https://legislation.mt/eli/sl/549.42/mlt/pdf

**Trasport lejn Malta ta' għasafar selvaġġi li jistgħu legalment jiġu ikkaċċjati f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea**

Kull għasfur selvaġġ li jista' legalment jiġi ikkaċċjat f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea jista' jinġieb Malta.

Il-lista tal-ispeċi ta' għasafar li jistgħu legalment jiġu ikkaċċjati fil-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni Ewropea jinstabu f'Anness IIA tad-Direttiva tal-Għasafar, liema lista tista' tiġi aċċessata minn: https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:020:0007:0025:MT:PDF

Xi speċi ta' għasafar jistgħu jiġu ikkaċċjati biss f'ċertu pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Lista ta' dawn l-għasafar tinstab f'Anness IIB tad-Direttiva tal-Għasafar, liema lista tista' tiġi aċċessata minn: https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:020:0007:0025:MT:PDF

Minħabba l-fatt li Artiklu 14 tad-Direttiva tal-Għasafar jagħti s-setgħa lil kull Membru Stat li jintroduċi miżuri ta' protezzjoni li jmorru oltre minn dak rikjest taħt l-istess Direttiva, wieħed għandu **DEJJEM** jikkonsulta mal-awtoritajiet responsabbli mill-protezzjoni u l-kaċċa tal-ispeċi tal-pajjiż fejn tkun ser issir il-kaċċa.

Stati Membri jistgħu wkoll jawtorizzaw, permezz ta' deroga, il-kaċċa ta' speċi li mhumiex imniżżlin f'Anness IIA jew f'Anness IIB għall-dak il-Membru Stat.

**Peress li kull speċi ta' għasfur li jinstab fis-selvaġġ b'mod naturali huwa protett, f'kull każ hija fir-responsabbiltà tal-persuna li taċċerta ruħha li hemm staġun miftuħ għall-ispeċi fil-pajjiż u anki fir-reġjun. Trid ukoll taċċerta ruħha li għandha fil-pussess tagħha il-liċenzji, l-permessi, u d-dokumenti uffiċjali u l-evidenza kollha meħtieġa maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jagħtuha l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tikkaċċja l-għasafar ikkonċernati u/jew titrasporthom lejn Malta.**

Skont id-dispożizzjonijiet ta' regolament 4(1)(e) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42), id-detentur ta' għasafar **li m'humiex imniżżla fi Skeda II** tal-istess Regolamenti, ċioè l-ispeċi tal-għasafar li mhumiex kaċċabbli f'Malta, għandu jżomm fil-pussess tiegħu il-permessi, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet u dokumenti uffiċjali oħra li jipprovaw għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li tali għasafar ġew akkwistati skont id-Direttiva tal-Għasafar u skont il-liġijiet tal-pajjiż minn fejn ġew maqbuda. Id-dokumenti għandhom jinżammu għal kull żmien li wieħed idum fil-pussess tal-għasfur. Meta tali eżemplar jiġi mlibbes mezz ta' identifikazzjoni (*tag*) fil-punt ta' dħul tiegħu ġewwa Malta, tali *tag* mbagħad tieħu post id-dokumenti u minn hemm 'l quddiem awtomatikament isservi bħala konferma li ġie miksub b'mod leġittimu.

**Importazzjoni lejn Malta ta' għasafar selvaġġi li jistgħu legalment jiġu ikkaċċjati, maqbuda jew akkwistati b'xi mod leġittimu ieħor f'pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea**

Ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42) jipprojbixxi l-importazzjoni ta' kwalunkwe eżemplari ta' għasafar li ġejjin minn pajjiż mhux fl-Unjoni Ewropea sew jekk ħaj u kif ukoll mejjet u li jinkludu partijiet minnhom jew derivattivi tagħhom, sakemm dak l-għasfur ma jkunx ġie akkwistat legalment fil-pajjiż minn fejn ġej jew imnissel fil-magħluq, u fiż-żewġ każijiet l-esportazzjoni tiegħu tkun ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti responsabbli mill-protezzjoni ta' dik l-ispeċi f'dak il-pajjiż.

Dan jimplika li l-kaċċa jew l-akkwist ta' kull eżemplar irid ikun kopert b'awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub mill-awtorità kompetenti responsabbli mill-protezzjoni ta' dik l-ispeċi f'dak il-pajjiż li tikkonferma li l-eżemplari jistgħu legalment jiġu ikkaċċjati, maqbuda jew akkwistati b'xi mod leġittimu ieħor u li l-esportazzjoni tagħhom barra l-pajjiż ġew awtorizzati.

Minnbarra dan, hija meħtieġa liċenzja tal-importazzjoni maħruġa taħt ir-Regolamenti li Jikkontrollaw l-Importazzjoni (L.S.117.14) għall-eżemplari kollha minn dawn il-pajjiżi.

Kull persuna li tixtieq timporta f'Malta għasafar li ġew legalment ikkaċċjati f'pajjiż ieħor li mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandha taċċerta ruħha li għandha fil-pussess tagħha id-dokumenti uffiċjali u l-evidenza kollha meħtieġa maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn l-għasafar ġew akkwistati li jatuha permess tikkaċċja u tesporta l-għasafar ikkonċernati.

**Id-dokumenti għandhom jinżammu għal kull żmien li wieħed idum fil-pussess tal-għasfur, u tali permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor għandhom jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.** Meta tali eżemplar jiġi mlibbes mezz ta' identifikazzjoni (*tag*) fil-punt ta' dħul tiegħu ġewwa Malta, tali *tag* mbagħad tieħu post id-dokumenti u minn hemm 'l quddiem awtomatikament isservi bħala konferma li ġie miksub b'mod leġittimu.

It-tabella t'hawn taħt tipprovdi sommarju tal-obbligi relatati mal-kaċċa fil-pajjiż tal-oriġini, t-trasport tal-għasafar 'l barra minn dak il-pajjiż, u d-dħul u l-pussess tagħhom f'Malta.

| **Pajjiż tal-Oriġini** | **Sommarju tal-obbligi** | |
|---|---|---|
| Membru Stat tal-Unjoni Ewropea | Kaċċa fil-pajjiż tal-oriġini | • Ikkonferma l-lista tal-ispeċi ta' għasafar kaċċabbli fil-pajjiż / territorju / post fejn ser issir il-kaċċa.<br>• Informa ruħek dwar l-istaġuni meta tali speċi jistgħu jiġu maqbuda.<br>• Ikseb il-liċenzji, l-permessi, u d-dokumenti uffiċjali kollha kif applikabbli sabiex tkun tista' tikkaċċja fil-pajjiż. |
| | Trasport tal-għasafar 'l barra mill-pajjiż tal-oriġini | • Ikseb il-permessi u d-dokumenti uffiċjali mill-pajjiż tal-oriġini kif applikabbli, sabiex tkun tista' toħroġ l-għasafar 'l barra mill-pajjiż. |
| | Dħul tal-għasafar f'Malta | • Ikseb awtorizzazzjoni kif applikabbli minn awtoritajiet oħra relevanti. Ara "**Rekwiżiti oħrajn**" ta' dan id-dokument. |
| | Pussess tal-għasafar f'Malta | • Għall-għasafar li m'humiex imniżżla fi Skeda II tal-L.S.549.42, ċioè l-ispeċi tal-għasafar li mhumiex kaċċabbli f'Malta, għandek iżżomm il-permessi, ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet u d-dokumenti uffiċjali li jipprovaw għas-sodisfazzjon tad-WBRU li tali għasafar ġew akkwistati skont id-Direttiva tal-Għasafar u skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-oriġini. Id-dokumenti għandhom jinżammu għal kull żmien li wieħed idum fil-pussess tal-għasafar. |
| Pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea | Kaċċa fil-pajjiż tal-oriġini | • Ikkonferma l-lista tal-ispeċi ta' għasafar kaċċabbli fil-pajjiż / territorju / post fejn ser issir il-kaċċa.<br>• Informa ruħek dwar l-istaġuni meta tali speċi jistgħu jiġu maqbuda.<br>• Ikseb il-liċenzji, l-permessi, u d-dokumenti uffiċjali kollha kif applikabbli sabiex tkun tista' tikkaċċja fil-pajjiż. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | Esportazzjoni tal-għasafar 'l barra mill-pajjiż tal-oriġini | • Ikseb il-liċenzji, l-permessi, u d-dokumenti uffiċjali kollha kif applikabbli sabiex tkun tista' tesporta l-għasafar 'l barra mill-pajjiż tal-oriġini. |
| | Importazzjoni tal-għasafar f'Malta | • Ikollok fil-pussess tiegħek awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-protezzjoni ta' dak il-kampjun fil-pajjiż tal-oriġini.<br>• Ikseb liċenzja tal-importazzjoni maħruġa taħt ir-Regolamenti li Jikkontrollaw l-Importazzjoni (L.S. 117.14).<br>• Ikseb awtorizzazzjoni kif applikabbli minn awtoritajiet oħra rilevnati. Ara "**Rekwiżiti oħrajn**" ta' dan id-dokument. |
| | Pussess tal-għasafar f'Malta | • Għall-għasafar kollha mhux inlużi fi Skeda II tal-L.S.549.42, għandek iżżomm il-permessi, ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet u d-dokumenti uffiċjali li jipprovaw għas-sodisfazzjon tad-WBRU li tali għasafar ġew akkwistati skont id-Direttiva tal-Għasafar u skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-oriġini. Id-dokumenti għandhom jinżammu għal kull żmien li wieħed idum fil-pussess tal-għasafar. |

## Għasafar ħajjin

Għasafar tat-territorju Ewropew li ġew imnissla fil-magħluq minn ġenituri miksuba legalment jistgħu jinġiebu Malta dment li dawn ikunu akkumpanjati minn provi li ma ġewx meħuda mis-salvaġġ. Skont L.S.549.42 kull għasfur irid ikun imlibbes ċurkett sħiħ mingħajr ebda qasma jew tbagħbis ieħor, tal-qies it-tajjeb għall-ispeċi, li jkun tpoġġa f'saqajn l-għasfur fl-ewwel ġranet tal-ħajja tiegħu u fi kwalunkwe każ iċ-ċurkett ikun għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Għasafar li mhumiex tat-territorju Ewropew li ġew imnissla fil-magħluq minn ġenituri miksuba legalment jistgħu jinġiebu Malta dment li dawn ikunu akkumpanjati minn provi li ma ġewx meħuda mis-selvaġġ.

**Id-dokumenti għandhom jinżammu għal kull żmien li wieħed idum fil-pussess tal-għasfur, u tali permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor għandhom jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.**

## Rekwiżiti oħrajn

L-iskop ta' din in-nota gwida hija strettament limitata għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42) u dan mingħajr preġudizzju lejn rekwiżiti legali oħra (CITES, Saħħa, Veterinarji, Kontroll tal-Importazzjoni, eċċ.) li jistgħu japplikaw. Persuni kkonċernati huma mitluba li jikkonsultaw u jiksbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa minn awtoritajiet oħra bħall-Uffiċċju CITES tal-ERA, id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji, l-Uffiċċju tas-Saħħa fil-Port u d-Dwana. Hija r-responsabbiltà tal-persuna li tara li għandha l-permessi neċessarji minn dawn l-awtoritajiet kif applikabbli.